## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR ROXANNE TABONE) V. KHALLEEFAH AHMED ALHAAJ ALJEEL ALJAMIE (KI. 157927A)

(SERQ AGGRAVAT BIL-VALUR U BIL-HIN)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' Mejju 2023**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Khalleefah Ahmed Alhaaj Aljeel Aljamie ta' 39 sena, imwieled Benghazi (Libja) nhar l-20 ta' Frar 1984, iben Ahmed u Intisar, residenti ġewwa Blk 3, Flat 2, Triq id-Dejma, Ħal Tarxien, detentur tal-permess ta' residenza Maltija numru 157927A ("l-imputat") li ġie ppreżentat taħt arrest quddiemha illum stess mixli illi:

nhar is-07 ta' Mejju, 2023 għall-ħabta ta' bejn it-Tmienja (8:00pm) u l-Għaxra (10:00pm) ta' filgħaxija ġewwa l-"*Agenda Bookshop*" fid-*Departures Hall* fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja, u/jew f'postijiet oħra fil-Gżejjer Maltin:

1. **Ikkommetta serq** ta' *mobile phone* tal-għamla Samsung għad-detriment ta' **Yanika Cassar**, liema *mobile phone* għandu valur li jeċċedi il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), u liema serq huwa **kkwalifikat bil-valur u l-ħin**, bi ksur tal-artikoli 261(c)(f) u 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tqis lil imputat bħala **reċediv** ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi sari definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' tal-vittma **Yanika Cassar**;

Il-Qorti hija mitluba wkoll li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artiklu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-Liġi, jekk jidrilha xieraq jgħoġobha tordna ħrug ta' ordni ta' trattament skond l-Artikolu 412 D ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

wara li rat li waqt is-seduta tal-lum il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tiġi korretta l-imputazzjoni fis-sens illi wara l-kliem "li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu € 232.94" jiddaħħlu l-kliem "iżda li ma jeċċediex l-ammont ta' elfejn tlett mija u disa' u għoxrin euro u seba' u tletin ċenteżmu (€ 2,329.37)",

wara li rat li waqt l-istess seduta meta sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla twegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 370(4), 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq sabiex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward,

wara li rat illi l-Avukat Ġenerali tat il-kunsens tagħha sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja,

wara li rat illi fl-istess seduta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija o meno tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara li rat li meta reġgħet issejħet il-kawża  l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Roxanne Tabone
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Yanika Bugeja bħala avukat tal-għajnuna legali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih inkluż l-addebitu tar-reċidiva.

2. Il-Qorti qieset illi matul is-seduta tal-lum il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-*mobile phone* misruq jiswa sitt mija disa' u ħamsin euro u ċenteżmu (€ 659.01).

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 49, Art. 50, Art. 261(c), 261(f), 267, 270, 279(a), 280(1) , 289, 382A u 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi ssib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah għall-piena karċerarja ta' sena. Il-Qorti qegħda ukoll toħroġ ordni ta' trattament**

**fil-konfront tal-ħati għal problemi psikoloġiċi u/jew psikjatriċi ai termini tal-Art. 412D tal-Kap. 9 għall-perjodu ta' tlett (3) snin skond il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness. Inoltre ai termini tal-Art. 15A tal-Kap. 9, il-Qorti qegħda tordna lill-ħati jħallas lill-parti offiża, ċioe lil Yanika Cassar (KI. 519789M) is-somma ta' , sitt mija disa' u ħamsin euro u ċenteżmu (€ 659.01) entro tnax (12)-il xahar mid-data ta' din is-sentenza. Finalment il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Trażżin kontra l-ħati a favur il-parti offiża skond il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness. Il-Qorti fissret lill-ħati l-portata tal-kundizzjonijiet elenkati fl-ordnijiet msemmija u l-konsegwenzi jekk huwa jikser xi waħda minnhom.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |